MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1376/2005

**Maltacom plc**

**vs**

**Justin u Puriety konjugi Tabone**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-27 ta’ Gunju 2005, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ mitejn u tnejn u hamsin lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm252.27) rapprezentanti debitu dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 2144 7023 skond ma kif jirrizulta mill-annessi dokumenti markati Dok A u B u dana stante li l-konvenuti kienu gew interpellati inutilment;

Bl-ispejjez u bl-interessi legali mid-data tal-prezentata ta’ dan l-avviz kontra l-konvenuti li minn issa huma ngunti ghas-subizzjoni;

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikati legalment il-konvenuti naqsu u ma dehrux la fis-seduta tal-11 ta' Novembru 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti;

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma rikjesta ta' mitejn u tnejn u hamsin lira Maltija u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm252.27) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data ta' din is-sentenza oltre bl-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom ukoll jigu sopportati interament mill-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------